

Brussell, 25 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12157/23

AGRI 424
AGRIFIN 90
FIN 836

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Lulju 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10982/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 06/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE: Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 06/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: *"Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE: Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni"*, approvat mill-Kunsill fit-3966 laqgħa tiegħu tal-25 ta' Lulju 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha Nru 6/2023 bit-titlu:
"Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE: Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 6/2023 tal-Qorti bit-titlu "Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE: Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni", li eżamina jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kellhomx fis-seħħ politiki u proċeduri effettivi biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-kunflitti ta' interess fil-pagamenti tal-Politika Agrikola Komuni u tal-Koeżjoni;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kapaċità għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' kunflitti ta' interess u biex tippromwovi t-trasparenza, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. JENFASIZZA li politiki effettivi u regoli ċari dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess huma parti essenzjali mill-governanza tajba u ġestjoni finanzjarja għaqlija;
4. JENFASIZZA li l-ġlieda kontra l-kunflitti ta' interess hija element tas-sistema ġenerali tal-ġestjoni u tal-protezzjoni tal-fondi tal-UE u għandha titqies fil-kuntest ta' qafas usa' flimkien mal-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, mal-appoġġ għall-informaturi u mal-proċeduri ta' trasparenza;
5. JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni mill-aħħar emenda tar-Regolament Finanzjarju biex tippromwovi interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tar-regoli, u biex tissensibilizza lill-Istati Membri, is-sħab esterni, u kwalunkwe fattur rilevanti ieħor, b'mod partikolari l-gwida li tinkludi eżempji prattiċi, suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet.

6. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-għodod tal-estrazzjoni tad-data u l-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet teknoloġiċi moderni li jgħibu valur miżjud għas-sistemi fis-seħħ fl-Istati Membri; JIEĦU NOTA tal-limitazzjonijiet fil-ġbir tad-data; JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-proporzjonalità mar-riżultati mistennija u li jitnaqqas il-piż amministrattiv; u JENFASIZZA li l-protezzjoni tal-privatezza trid tiġi żgurata;
 7. JINNOTA li, mindu tlesta dan ir-Rapport Speċjali, kien hemm aktar ħidma u titjib fis-sistemi u l-proċeduri interni ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.
-